Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-11 ta' Dicembru 2023**

**Distrett Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Versus**

**Donna Spagnol**
**(304088M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Donna Spagnol**, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 304088M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmula minnha wkoll jekk fi zminijiet li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda jitqies bhala reat kontinwat u cioe' bejn il-11 ta' Awwissu, 2022 u l-1 ta' Settembru, 2022 gewwa dawn il-gzejjer Maltin :

1. Ingurjat jew heddet, jew ghamlet offiza fuq il- persuna inkarigata skont il-ligi minn sevizz pubbliku u cioe' ta' Jilian Spiteri, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) heddedt li ser taghmel xi reat; (b) bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra,jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil haddiehor u cioe' lil Jilian Spiteri biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontriha, jew immalafamat lil dik il- persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamlet uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Art. 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi wzat xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew itraskurat milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-'network' jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzatu b'mod mhux kif imiss, u dan bi ksur tal-Art. 48(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offiza jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Art. 412 tal-Kap. 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familjari taghha ai termini tal-Art. 383, 384, 385, 412C, u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet Jilian Spiteri fejn qalet illi tahdem bhala Social Worker mad-Direttorat ghal-Harsien tat-Tfal, fejn xogholha huwa li tinvestiga abbuz fuq it-tfal. Hi kienet qieghda ssegwi lill-familja Spagnol ghal tul taz-zmien, l-ewwel meta kienet tghix Bormla u aktar ricenti l-Belt. Kien hemm negligenza fuq erbat'itfal u bdew jesploraw il-possibilita' li t-tfal jmorru ma' familjari ohra bhal missierhom. Kif l-omm, Donna Spagnol, li gharfet fl-awla bhala l-imputata, saret taf, bdiet tibghat messaggi b'whatsapp bl-insulti lilha u lil social workers ohra. Dawn l-insulti bdew fil-11 ta' Awwissu 2022 u komplew fis-26 ta' Awwissu 2022 u fil-11 ta' Novembru 2022. Kien hemm messaggi lilha li jghidu li '*ser tispicca hazin mieghi; ibza' minni jekk tarani; qabel tinqala' tragedja'*. Donna kienet tghid lill-kollegi tax-xhud, li jekk taraha timbuttaha t-tarag u li ha taqsamha min-nofs. Wara dawn il-messaggi, x-xhud waqqfet taghmel il-vizti ghand Donna li kienet tghix fid-dar ta' missierha l-Belt u bblokjat in-numru. Wara li harget il-Care Order fil-11 ta' Novembru 2022, il-messaggi regghu komplew bil-kliem bhal '*lanqas ghadma m'hi ser tibqa' go gismek*'. Ix-xhud pprezentat

print out tal-messaggi li kienet ipprintjat hi stess, li gie immarkat Dok JS1, mibghuta mill-mobile ta' Donna, li hi kienet ghamlet in-numru 'saved' bhala Donna Spagnol 2, peress illi Donna kellha zewg numri. Fil-kontro ezami, ix-xhud ikkonfermat illi kienu qeghdin jinfurmaw lil Donna li ser jiehdulha t-tfal, u li x-xhud hassitha mhedda b'dawn il-messaggi minhabba fil-kliem tal-messaggi. Ix-xhud baqghet tibghat lura lill-imputata, li jekk ser tibqa' tibghat dawn il-messaggi kienet ser tibblokjaha, u li marret ghand il-pulizija, izda l-imputata injoratha. Ix-xhud waqfet tmur ghandha wara l-ewwel insulti u kienu marru kollegi taghha fit-18 ta' Awwissu. Izda Donna xorta regghet ikkuntatjatha fis-26 ta' Awwissu, wara li baghtulha zewg social workers, William Seychell u Valentina Mintoff, biex jinkoragixxu lil Donna tiehu lit-tifla taghha l-isptar, wara li kienet hallietha bil-gibs ghal tmien gimghat. Donna bdiet twaqqafhom minn xogholhom u tinsulthom biex jaghlqu l-kaz, izda fil-fatt it-tfal eventwalment ittiehdu minghand Donna.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-parte civile f'din il-kawza kienet social worker li xehdet illi kienet qieghda ssegwi lill-imputata minhabba negligenza tat-tfal taghha. L-imputata bdiet tibghat lil Jilian Spiteri messaggi ta' theddid. Gew pprezentati 'print out' tal-messaggi li kienet tibghat l-imputata lil *parte civile*, liema messaggi gew ipprintjati minnha stess, liema messaggi dahlu minn numru 'saved' fil-mobile tal-*parte civile* bhala Donna Spagnol 2. Kien hemm insulti ohra fir-rigward il-*parte civile*, liema insulti saru tramite social workers ohra. Il-parte civile qalet illi dawn l-insulti u theddid kienu sabiex issir pressjoni fuq is-Social Workers inkluz il-*parte civile*, biex jaghlqu l-kaz u ma tinharigx care order. Fil-fatt illum il-gurnata it-tfal ma kienux ghadhom mal-omm.

Illi jirrizulta illi l-imputata f'diversi dati bejn il-perjodu tal-11 t'Awwissu 2022 u l-1 ta' Settembru 2022 baghtet diversi messaggi ta' theddid u ingurji lill-*parte civile* waqt il-qadi ta' dmirijietha bhala Social Worker u li dawn il-messaggi ntbaghtu permezz ta' Whatsapp. Illi rrizulta b'mod car illi kienet l-imputata li kienet qed tibghat dawn il-messaggi lill-*parte civile* u dan skond ix-xhieda li tat l-istess *parte civile*, u dan peress illi l-*parte civile* kienet f'komunikazzjoni ma' l-imputata rigward kaz li jikkoncerna l-ulied minuri ta' l-imputata, kif ukoll illi l-ismijiet tal-partijiet huma msemmija diversi drabi fil-messaggi mibghuta lil xulxin, u ghalhekk m'hemm l-ebda dubju dettat mir-raguni illi l-messaggi ta' theddid intbaghtu mill-

imputata lill-*parte civile*, sabiex tbezzaghha jew tinfluenzha milli taqdi d-dmirijiet taghha bhala persuna inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 18, 31 u 95, tal-Kapitolu 9 u Artikolu 48(d) u 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata Donna Spagnol **hatja** ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, u qed tikkundannaha ghal perjodu ta' **tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva u ghal-hlas ta' multa ghas-somma t'elf Euro (€1,000).**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hatja **Donna Spagnol b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Jilian Spiteri**. Il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Jilian Spiteri ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputata **Donna Spagnol** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma timmolestax, ma ddejjaqx u ma' tingurjax lill-*parte civile* **Jilian Spiteri.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**